MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1978/2004

**Carmel Camilleri u martu Theresa Camilleri**
**vs**
**Tonia Chircop u b'digriet tas-7 ta' Dicembru, 2004 l-isem tal-konvenuta « Tonia » gie sostitwit bl-isem « Tania »**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal :**
**Peress illi, fit-28 ta' Gunju, 2004, ghall-habta tas-6.44pm fi Triq l-Imdina, Qormi, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura Kia Carens bin-numru ta' registrazzjoni PHL-025, habtet mal-vettura Escort numru ABB-121, proprjeta` ta' l-atturi, li kienet misjuqa minn binhom Justin Camilleri u kkagunatilha diversi hsarat –ara Dok.A u Dok.D.**
**Illi l-istess incident gara unikament tort tal-konvenuta, li kienet qed issuq il-vettura taghha bi traskuragni,**

**imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Illi ghalkemm interpellata permezz ta' ittra legali tad-19 ta' Lulju, 2004 (Dok.B) biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha ikkagunati lill-atturi fl-imsemmi incident stradali, il-konvenuta baqghet inadempjenti, anzi cahdet kull responsabilita` (Dok.C).**
**Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex it-Tribunal m'ghandux :**
**a. Jiddikjara lill-konvenuta pjenament responsabbli ghall-incident stradali tat-28 ta' Gunju, 2004, li gara ghall-habta tas-6.44pm fi Trqi l-Imdina, Qormi, u konsegwentement unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, b'rizultat ta' l-istess incident.**
**b. Jillikwida d-danni sofferti mill-atturi.**
**c. Jikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala spettanti lilhom in linea ta' danni sofferti.**
**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenuta.Illi l-ammont tad-danni ma jeccedix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fid-9 ta' Novembru, 2004, fejn intqal :**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenuta, izda sehh unikament tort ta' Justin Camilleri, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda/affidavits ta' Carmel Camilleri, W136 Carmel Muscat, Joe Buttigieg, Tania Chircop, Justin Camilleri, Darren Camilleri, Charmaine Chircop, Philip Chircop u Joseph Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-28 ta' Gunju, 2004 fi triq l-Imdina, Qormi. Il-kollizzjoni involuti kienu dik bin-numruABB-121 misjuqa minn Justin Camilleri u proprjeta` ta' l-atturi, u dik bin-numru PHL-025 misjuqa minn Tania Chircop.**

**2. Justin Camilleri jispjega li kien qed isuq fit-triq minn Hal Qormi fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, u kien fil-karreggajta biswit ic-centre strip, li tifred it-triq principali minn service road li tigi fuq il-lemin tal-istess. Jghid fl-affidavit tieghu : « Meta wasalt qrib il-post fejn is-service road tinghaqad mat-triq principali, harget f'daqqa l-karrozza ta' Chircop minn gos-service road u giet ezatt quddiem il-karrozza tieghi. » Camilleri jghid li inhasad, zamm brake u kiser kollox f'daqqa fuq ix-xellug. B'hekk tilef il-kontroll, habat mal-hajt tax-xellug, rega mar ghall fuq il-lemin u laqat il-vettura tal-konvenuta. Il-vettura tieghu spiccat f'hofra/dahla fuq il-lemin tat-triq. Jghid li l-konvenuta baqghet hierga minn fuq zewg "stop signs". Bhala velocita Camilleri jghid li kien ghaddej b'xi 50kfs. Darren Camilleri, hu Justin, jikkonferma dak li qal l-istess Justin Camilleri.**

**3. Il-konvenuta tghid li kienet waqfet fuq l-istop sign markat « x » fid-Dok.AA5, u harset diversi drabi biex tassikura ruhha li mhu gej xejn. Hi tghid li harget minn fuq l-istop sign u imxiet ghad-dritt, u meta kienet gja imxiet xi mitejn u hmistax-il pied semghet il-kollizzjoni ta' Camilleri mal-hajt, u gie ghall fuqha u laqatha fuq wara kollu. Hi tghid li qabel ma harget lil Camilleri ma ratux. Il-konvenuta tghid li hi waqfet hdejn l-arblu immarkat « Y » fid-Dok.AA6.**

**4. Skond Joseph Camilleri, passiggier mal-konvenut, hi kienet harget bicca sew x'hin sehhet il-kollizzjoni. Jghid li l-karrozza taghha waqfet mall-ewwel. It-Tribunal isib li din i-versjoni ma tinkwadra ruhha b'ebda mod ma dak li jirrizulta mir-ritratti, fejn jidher car li din wafet distanza il-boghod minn fejn sehhet il-kollizzjoni.**

**5. Philip Chircop, ir-ragel tal-konvenuta, jghid li din waqfet fuq l-istop sign, u rat li ma kien gej xejn u**

**saqet. Difficli biex it-Tribunal jemmen li dan jista' jghid x'rat jew x'ma ratx il-konvenuta.**

**6. It-Tribunal qed jagmel referenza ghar-ritratti Dok.AA1, AA2, AA5 u AA6. Jirrizulta li min hiereg minn fuq l-ewwel stop sign, ghandu jieqaf biex jara jekk hux gej traffiku minn fuq. Wara li jkun hareg minn fuq dan l-isto sign, huwa dmir tieghu li jerga jieqaf fuq it-tieni stop sign biex jassigura li jista johrog minghajr ma jkun ta' xkiel ghat-traffiku li jkun ghaddej fit-triq principali.**

**7. Jirrizulta li t-triq li minnha kien gej l-attur hija twila u dritta, u hemm vizwali mhux ostakolata. Ghalhekk min ikun fuq it-tieni stop sign qaabel ma jaqbad it-triq principali  ghandu kull opportunita` li jivverifika jekk hux gej traffiku. Il-fatt li il-konvenuta ma ratux, meta ma kien hemm xejn x'jostakolaha l-vizwali, ma jistghax hlief ifisser li din ma pprestatx attenzjoni bizzejjed hi hu hierga. Meta bdiet hierga l-konvenuta baqghet issuq, pero` f'dak l-istadju hasdet lill-attur, li minhabba l-velocita` li biha kien ghaddej tilef il-kontroll fuq il-vettura tieghu, habat mal-hajt ta' fuq ix-xellug, inbezaq ghall-f uq il-lemin, fejn kienet ghada qed issuq il-konvenuta, u lahaq laqghata fuq il-wara taghha, sakemm spicca fil-hofra, kif jidher mid-Dok.AA3 u AA4.**

**8. Ghalhekk fic-cirkostanzi, ghalkemm il-konvenuta ghandha responsabilita` fi grad akbar mill-attur ghall-incident li sehh, ma jistghax jinghad li Camilleri ma ikkontribwiex ghall-incident minhabba il-velocita` li biha kien ghaddej, velocita` tali, li meta inholqot l-emergenza ma ppermettitlux jikkontrolla l-karrozza, bil-konsegwenza li addirittura tilef kompletament il-kontroll, u sehhet il-kollizzjoni. Ghalhekk it-Tribunal qed jalloka tlett kwarti tar-responsabilita` lill-konvenuta u kwart lill-attur.**

**9. Skond is-surveyor Joe Bonnici, il-vettura ta' l-atturi kellha hsara tant konsiderevoli li kienu jaqbzu il-valur taghha u ghalhekk wasal ghall-konkluzjoni li jithallas sitt mitt lira bhala cash settlement, filwaqt li w-wreck value kienet ta' mitejn lira. Ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin.**

**10. Tenut kont li, w-wreck ghada ghand l-attur, u li l-konvenuta kienet tahti biss fi grad ta' tlett kwarti, jigi li din ghandha thallas s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija lilll-atturi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta' tlett kwarti, jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450.00). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopprotati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------